**26 ta' Jannar, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D.**

Ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet

*versus*

Avukat Dottor Alfred Grech

## Nuqqas li tinżamm il-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' Soċjetà – *Privilegium Fori*

*In-nuqqas ta' direttur ta' soċjetà li jżomm il-laqgħa ġenerali annwali mhux materja li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni kummerċjali superjuri tal-Qorti ta' Għawdex anki jekk id-direttur huwa normalment residenti Għawdex.*

Iċ-ċitazzjoni tar-Reġistratur taqra hekk:

Premess illi l-konvenut bħala direttur u uffiċjal tas-soċjetà *Mediterranean Sunshine Holidays Limited,* huwa responsabbli għan-nuqqas li tinżamm il-laqgħa ġenerali annwali u li konsegwentement li jitqiegħed quddiem il-laqgħa kont tal-qliegħ u tat-telf fiż-żmien mogħti mil-liġi għas-snin 1980 u 1982 kif maħsub fl-artikoli 111 u 133 ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali;

Premess illi skond l-artikoli 112 u 138 l-istanti ffissa l-penali relattiva għal dawn in-nuqqasijiet fis-somma ta' tnejn u ħamsin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm52.50,0);

Premess illi l-istanti ta lill-konvenut avviż bil-miktub tan-nuqqasijiet tiegħu u tal-penali relattivi dovuta (Dok. A) għat-tenur ta' l-artikolu 191(2) ta' l-istess Ordinanza, iżda dan naqas li li jagħmel oġġezzjoni bil-miktub lill-istanti fiż-żmien hemm mogħti lilu ta' għoxrin ġurnata u għalhekk dik il-penali hija dovuta denittivament;

Talab l-attur għaliex m'għandhiex dina l-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istanti l-imsemmija somma ta' tnejn u ħamsin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm52.50,0) għar-raġunijiet fuq indikati;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Awissu 1986 kontra l-konvenut li għandu jidher għas-subizzjoni;

Il-konvenut li huwa normalment residenti Għawdex, *eċċepixxa preliminarjament* il-*privilegium fori* għaliex il-Qorti tiegħu hija l-Qorti ta' Għawdex u fiha għandu jiġi mħarrek;

Fuq din l-eċċezzjoni l-attur għamel riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-ismijiet Reġistratur tas-Soċjetajiet *vs* Joseph Dimech tal-11 ta' Mejju 1968, li kopja tagħha ġiet ukoll esibita, fol. 11;

*Il-Qorti taqbel ma' dik id-*deċiżjoni. L-artikolu 50(2)(b)(ii) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili li jattribwixxi lill-Qorti t'Għawdex ġurisdizzjoni kummerċjali superjuri, jagħmel preċiża riferenza għal dik li hija l-materja ta' l-istess, għall-artikolu 36 u 37 ta' l-istess Kodiċi, u dawn l-artikoli ma jinkludux il-materja suġġett ta' din iċ-ċitazzjoni;

Għaldaqstant il-Qorti tiċħad l-imsemmija eċċezzjoni ta'

inkompetenza minħabba l-privileġġ invokat mill-konvenut, u peress li ebda eċċezzjoni oħra fil-mertu ma ngħatat għaliex il-konvenut qatt ma kien preżenti għall-ebda seduta li saret; u peress li l-azzjoni ta' l-attur tidher ġustifikata, tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' tnejn u ħamsin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm52.50c0) għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż kontra l-konvenut.